# San Ġużepp: il-Ħolma tal-Vokazzjoni

**Adorazzjoni Ewkaristika bi tħejjija għal Jum il-Vokazzjonijiet 2021**
**Seminary Vocations Centre**

***Innu għal waqt l-Espożizzjoni***

Il-Ħaruf temagħna laħmu,
tana l-lbies tas-salvazzjoni,
qsamna sħaħ il-Baħar l-Aħmar:
ngħannu ’l Kristu l-prinċep tagħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Fuq l-altar ta’ salib aħrax
offra għalina ġismu mqaddes;
sqiena demmu, li hu xerrdu
ħalli nistgħu ngħixu b’Alla.

*Missierna, Sliema, Glorja*

F’dan il-Għid, il-Ħaruf tagħna
li hu Kristu, miet bla ħtija;
ħobż tassew bla ħmira w safi,
li kien mogħti b’sagrifiċċju.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Kristu qam rebbieħ mill-qabar,
minn qiegħ l-art ħareġ imsebbaħ;
jassar l-għadu darba għal dejjem,
u fetħilna bwieb il-ġenna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ibqa’ ħares dejjem fina
ferħ il-Għid, Ġesù Messija;
kif għall-grazzja rġajt wellidtna,
fil-qawmien seħibna miegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Glorja lilek, fir-rebħ tiegħek
fuq il-mewt, Ġesù setgħani;
mal-Missier u mal-Ispirtu,
ġieħ jintraddlek, issa w dejjem. Ammen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

(*pawsa qasira ta’ skiet*)

Fil-messaġġ għal Jum il-Vokazzjonijiet, il-Papa Franġisku din is-sena jpoġġi quddiemna l-figura ta’ San Ġużepp. F’din is-sena ddedikata b’mod speċjali lilu, San Ġużepp mhux biss jitpoġġa quddiemna bħala l-għarus ta’ Marija u Patrun tal-Knisja universali sabiex tiġġedded fina d-devozzjoni lejh filwaqt li nitolbu l-interċessjoni u l-ħarsien speċjali tiegħu. Imma jitpoġġa wkoll quddiemna, f’Jum il-Vokazzjonijiet, bħala mudell u ispirazzjoni għal dawk li diġà wieġbu u qed jgħixu s-sejħa tal-Mulej f'ħajjithom, u kif ukoll għal dawk li qegħdin fil-proċess uman u spiritwali li jilqgħu din is-sejħa tal-Mulej fil-ħajja tagħhom. Il-messaġġ tal-Papa jdur madwar tlett spunti ewlenin: il-ħolma, il-qadi u l-fedeltà—spunti li ser jakkumpanjawna f’dan il-

mument ta' talb li fih, filwaqt li rroddu ħajr lil Alla tal-missjoni li ta lil kull wieħed u waħda minna fil-ħajja tagħna u ta' kull missjoni fil-Knisja, ser nitolbuh ukoll biex ikompli jsejjaħ rgħajja, missirijiet, li jaqdu lill-poplu ta' Alla fis-saċerdozju ministerjali.

## Il-Ħolma

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (1, 18–21.24)
It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk: ommu Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust u ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel il-ħsieb li jibgħatha bil-moħbi tan-nies. Meta kien għadu qiegħed jaħsibha, deherlu anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: "Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom."
Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa lil martu għandu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
*Tifħir lilek, Kristu*

Kemm ħolm itir mar-riħ, Mulej. Kemm ħolm jinbidel f'inkubu. Kemm ġranet, mill-banda l-oħra, bħal donna ngħixuhom qishom ħmar il-lejl, aljenati u daqslikieku għadna mitlufa fin-ngħas. Iljieli donnhom bi nhar; ġranet sħaħ donnhom lejl mudlam. Imma jekk qalb il-bniedem tkun imqajma—ukoll jekk rieqda—qalb il-ħsibijiet u t-thewdin kollu, il-qalb tagħraf ħolm li dejjem qiegħed hemm, li bħal donnu jfisser min hu fil-qalba tiegħu. Huwa dak il-ħolm, dawk ix-xewqat fundamentali, li tpoġġi inti fil-qalb ta' kull bniedem biex permezz tagħhom tkompli titwettaq fid-dinja il-ħolma tiegħek għall-umanità.

"Jien naf il-pjanijiet li ħsibt għalikom, oraklu tal-Mulej, pjanijiet ta' ġid u mhux ta' ħsara, li nagħtikom ġejjieni mimli tama. Intom issejħuli u tiġu titolbuni u jien nismagħkom, tfittxuni u ssibuni" (Ġer 29, 11-12). Hekk ħabbrilna l-Profeta Ġeremija. Ir-rieda tiegħek li twassal is-salvazzjoni tiegħek tinżera' bħala ħolma fil-qalb ta' kull bniedem biex kull bniedem jagħraf iwettaq biċċa mill-ħolma tiegħek u, b'ħajtu, jesprimi u juri fid-dinja parti mis-sbuħija tiegħek.

(*pawsa qasira ta' skiet*)

Fil-qalb ta' xi wħud, inti tiżra' wkoll xewqa iktar diretta li din il-ħidma ta' salvazzjoni titkompla u tasal. U tifforma qlub ta' missirijiet sabiex, bħal qalb missierek Ġużeppi, ikunu "qlub miftuħa, kapaċi jidħlu għal inizjattivi kbar, ġenerużi fl-għotja tagħhom infushom, kollhom mogħdrija meta jfarrġu n-niket u sodi biex iqawwu t-tama" (Papa Franġisku, *Messaġġ għal Jum il-Vokazzjonijiet*, 19 ta' Marzu 2021). Għalhekk, minn qalbna tfur talba ħerqana sabiex ma tħallix waħidha l-Knisja tiegħek u tkompli tqanqal qlub ta' missirijiet għall-poplu tiegħek. Għal kull talba, intennulek: ***għażel rgħajja f'ismek, Mulej***.

- Mill-familji tagħna: ***għażel rgħajja f'ismek, Mulej***.
- Mill-komunità parrokkjali tagħna: ***għażel rgħajja f'ismek, Mulej***.
- Minn fost dawk il-komunitajiet li huma mċaħħda mill-preżenza ta' saċerdot: ***għażel rgħajja f'ismek, Mulej***.

- Minn fost dawk li skoprewk mill-ġdid wara li kienu tbiegħdu minnek: ***għażel rgħajja f'ismek, Mulej***.
- Minn fost dawk li fl-esperjenza tad-dgħufija tagħhom daqu mill-ħniena tiegħek: ***għażel rgħajja f'ismek, Mulej***.
- Minn fost iċ-ċkejknin u ż-żgħażagħ tagħna: ***għażel rgħajja f'ismek, Mulej***.

***Innu Ewkaristiku***

## Il-Qadi

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (2, 13–15a)
Meta telqu l-maġi, deher anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi u qallu: "Qum, ħu miegħek lit-tifel u 'l ommu, u aħrab lejn l-Eġittu. Ibqa' hemm sa ma ngħidlek jien, għax Erodi se jfittex lit-tifel biex joqtlu." Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u 'l ommu billejl u telaq lejn l-Eġittu, u baqa' hemmhekk sal-mewt ta' Erodi.

**Il-Kelma tal-Mulej**
*Tifħir lilek, Kristu*

Jiġi l-punt fejn il-ħolma tikkonkretizza ruħha fil-qadi, issib l-espressjoni tagħha fl-imħabba murija—imħabba li tant tkun kbira li ma tkunx tista' tinżamm għall-individwu biss imma li tfur 'il barra, mhux biss fuq persuna waħda jew ftit, imma fuq il-poplu kollu tiegħek. Imħabba li tissarraf f'għotja totali ta' ħajja mgħixha fil-qadi.

Ġużeppi għex il-qadi tal-misteru tas-salvazzjoni, sakemm kien għadu fil-bidu tiegħu, permezz tal-vjaġġi: vjaġġ biex titħares ħajtek, vjaġġ biex il-missjoni tiegħek tkun tista' tiffjorixxi fl-art tal-poplu l-magħżul, vjaġġ biex din ħajtek timmatura fis-satra.

Il-qadi li titlob, Mulej, minn dawk li tagħżel biex ikunu saċerdoti u minna lkoll ħafna drabi jissarraf ukoll fi vjaġġ: vjaġġ lejn il-persuna l-oħra li titlob minna li noħorġu mill-kumdità tagħna; vjaġġ li jeħodna fil-periferiji li fihom hu mxerred il-bniedem; vjaġġ kollu taħbit sabiex l-imħabba tiegħek titwassal u tasal li tinfed is-swar tal-qlub magħluqa. Ħa jkun it-terrieq tagħhom ukoll bħal ta' Ġużeppi: msieħeb mill-preżenza tiegħek li, għalkemm forsi siekta, imma qegħda hemm bħal musbieħ li jdawwal u juri t-triq.

(*pawsa qasira ta' skiet*)

Għal dawn il-petizzjonijiet, inwieġbu flimkien: ***agħmilhom qaddejja umli tiegħek, Mulej Ġesù***.

- Lil dawk li għażilt biex jaqdu l-poplu tiegħek, ***agħmilhom qaddejja umli tiegħek, Mulej Ġesù***.
- Lil dawk li l-kburija qed iżżommhom milli jagħrfu s-sejħa tiegħek, ***agħmilhom qaddejja umli tiegħek, Mulej Ġesù***.
- Lil dawk tassew ħallew kollox u qed ifittxu li jimxu warajk, ***agħmilhom qaddejja umli tiegħek, Mulej Ġesù***.
- Lil dawk kollha li qegħdin fil-proċess ta' formazzjoni bi tħejjija għas-saċerdozju, ***agħmilhom qaddejja umli tiegħek, Mulej Ġesù***.

- Lil dawk li permezz tagħhom inti trid tmiss qlub oħrajn sabiex tagħmlilhom l-istess sejħa, ***agħmilhom qaddejja umli tiegħek, Mulej Ġesù***.
- Lil dawk li, f'isem il-Knisja, jiddixxernu dwar l-awtentiċità tas-sejħat li jitressqu quddiemhom, ***agħmilhom qaddejja umli tiegħek, Mulej Ġesù***.

***Innu Ewkaristiku***

## Il-Fedeltà

Fil-Messaġġ għal Jum il-Vokazzjonijiet ta' din is-sena, il-Papa Franġisku josserva li "il-vokazzjoni, bħall-ħajja, timmatura biss permezz tal-fedeltà ta' kuljum." U jkompli jistaqsi:

> Kif inżommuha ħajja din il-fedeltà? Għad-dawl tal-fedeltà ta' Alla. L-ewwel kelmiet li San Ġużepp sema' jingħadu lilu fil-ħolm kienu l-istedina biex ma jibżax, għax Alla huwa fidil għall-wegħdiet tiegħu: "Ġużeppi, bin David, xejn la tibża'" (Mt 1, 20). *Xejn la tibża'*: ... huma l-kelmiet li, bħal ritornell, isieħbu lil min jgħid iva lil Alla bil-ħajja tiegħu bħal San Ġużepp: fil-fedeltà ta' kuljum.

Mulej, il-fedeltà tal-bniedem tissejjes fuq il-fedeltà tiegħek. Għalhekk, b'din iċ-ċertezza f'qalbna, infaħħruk permezz ta' Salm 89, li fih is-Salmista jgħanni l-fedeltà tiegħek, billi nwieġbu: ***il-fedeltà tiegħek tibqa' għal dejjem***.

(Salm 89, 2-3. 6-9. 14-15)

It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni;
f'kull żmien ixandar fommi l-fedeltà tiegħek.
Għax jien għedt: "Tjubitek tibqa' sħiħa għal dejjem;
bħas-smewwiet int wettaqt il-fedeltà tiegħek." ***R/.***

Ifaħħru s-smewwiet għeġubijietek, Mulej,
u l-fedeltà tiegħek fil-ġemgħa tal-qaddisin.
Għax min hemm fis-sema daqs il-Mulej?
Min jixbah lill-Mulej fost dawk li hemm fis-sema? ***R/.***

Tal-biża' Alla fil-laqgħa tal-qaddisin,
kbir u tal-biża' fuq dawk kollha ta' madwaru.
Mulej, Alla tal-eżerċti, min hu bħalek?
Int qawwi, Mulej, u kollok fedeltà. ***R/.***

Driegħ kollu qawwa hu driegħek,
b'saħħitha idek, merfugħa lemintek.
Fuq id-dritt u l-ġustizzja mibni t-tron tiegħek;
tjieba u fedeltà jgħaddu quddiemek. ***R/.***

(*pawsa qasira ta' skiet*)

B'fiduċja li l-fedeltà tal-Mulej qatt ma tiġi nieqsa, ejjew irresqulu t-talbiet tagħna għall-Knisja u għad-dinja kollha:

- Qawwi lill-Papa Franġisku, lill-Arċisqof tagħna Charles, l-Isqof Joseph u lill-isqfijiet tad-dinja kollha, u żommhom sħaħ fil-fidi waħda tiegħek. Nitolbu.

- Seddaq lis-saċerdoti li jaħdmu u jgħixu fil-komunità parrokkjali tagħna, u kompli bierek il-ħidma tagħhom. Nitolbu.
- Saħħaħ il-fedeltà fil-familji tagħna sabiex isservi ta' pedament li fuqha tkompli tinbena l-Knisja u s-soċjetà tagħna. Nitolbu.
- Ġedded il-fedeltà tas-saċerdoti li tbiegħdu mill-ideal Evanġeliku u erġa' Fakkarhom fil-ħolma ewlenija li żrajt f'qalbhom int fil-bidu. Nitolbu.
- Agħti l-kuraġġ lil dawk li f'qalbhom qed tnibbet il-ħolma tiegħek ta' salvazzjoni, sabiex, quddiem l-ostakli, jagħrfu tassew li l-fedeltà tiegħek tibqa' għal dejjem. Nitolbu.
- Agħti l-mistrieħ ta' dejjem lill-erwieħ tas-saċerdoti mejtin. Nitolbu.

(*pawsa qasira ta' skiet*)

Mulej, hu f'din il-fedeltà tiegħek u tal-bniedem lejk li jinsab is-sigriet tal-ferħ. Fid-dar ta' Nazaret kien hemm dak il-ferħ safi tal-ħajja sempliċi ta' kuljum, il-ferħ li jġarrab min iħares dak li hu l-iktar ta' valur: li b'fedeltà tkun qrib ta' Alla u tal-proxxmu. Ħa jkun dan l-istess ferħ sempliċi u jiddi, trankwill u kollu tama, fis-seminarji u d-djar ta' formazzjoni tagħna, fil-komunitajiet reliġjużi, fil-komunitajiet parrokkjali u fil-familji tagħna. Ħa jkun dan il-ferħ fil-qlub ta' dawk li ħaddnu l-ħolma ta' Alla għalihom biex jaqduh fl-aħwa fdati f'idejhom permezz ta' fedeltà li minnha nnifisha diġà hija xhieda qawwija fi żminijiet immarkati minn għażliet tal-mument u minn emozzjonijiet li jisfaxxaw bla ma jħallu l-ferħ.

San Ġużepp, missier putattiv ta' Ġesù, ħares il-vokazzjonijiet u l-Knisja fdata taħt il-patroċinju tiegħek. Ammen.

**Barka Sagramentali**

**Innu**
Dal-misteru, għarkupptejna,
Ejjew mela naduraw
U quddiem ir-riti ġodda
Suriet qodma jispiċċaw;
Bit-twemmin ġo qalbna nħossu
Dak li s-sensi le jaraw.

Lill-Missier inroddu, u 'l Iben
B'qalbna kollha kull tifħir,
Lejhom mat-tberik ta' qalbna,
Imħabbitna 'l fuq ittir;
Lill-Ispirtu li ġej minnhom
Ħajr ukoll, xejn inqas kbir. Ammen.

Nitolbu
O Alla,
li f’dan is-Sagrament tal-għaġeb
ħallejtilna t-tifkira tal-Passjoni tiegħek:
agħtina, nitolbuk,
li nqimu l-misteru tal-Ġisem u d-Demm tiegħek
hekk li nħossu fina bla heda
dak li rebbħitilna l-fidwa tiegħek.
Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta’ dejjem

℟. Ammen.

**Ikun imbierek Alla.**
Imbierek l-Isem Imqaddes tiegħu.
Imbierek Ġesù Kristu, veru Alla u veru bniedem.
Imbierek l-Isem ta’ Ġesù.
Imbierek l-Qalb Imqaddsa tiegħu.
Imbierek id-Demm għażiż tiegħu.
Imbierek Ġesù fis-Santissimu Sagrament tal-artal.
Imbierek l-Ispirtu s-Santu Paraklitu.
Imbierek l-kbira Omm Alla Marija Santissima.
Imbierek l-Imqaddsa u Immakulata Kunċizzjoni tagħha.
Imbierek it-tlugħ glorjuż tagħha fis-sema.
Imbierek l-isem ta’ Marija Verġni u Omm.
Imbierek San Ġużepp għarus kasstissimu tagħha.
Imbierek Alla fl-anġli u l-qaddisin kollha tiegħu.

**SALM 116**

Faħħru l-Mulej, intom ġnus kollha, *
sebbħuh, popli kollha!

Għax kbira hi t-tjieba tiegħu magħna, *
il-fedeltà tal-Mulej tibqa’ għal dejjem.

Glorja lill-Missier u lill-Iben *
u lill-Ispirtu s-Santu.

Kif kien mill-bidu, issa u dejjem *
u jibqa’ għal dejjem ta’ dejjem. Ammen.

**INNU - Regina Cœli**

Regina caeli, laetare, alleluia;
Quia quem meruisti portare, alleluia,
Resurrexit, sicut dixit, alleluia:
Ora pro nobis Deum, alleluia.